MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 749/2012

Raphael **Scerri**

**Vs**

**Francis sive France Debono**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-1 ta' Novembru, 2012** u li permezz taghha talab lill-intimat ihallsu s-somma ta' seba' mija tlieta u sebghin euro u sitta u hamsin ċenteżmi ta' euro [€773.56] u dan wara li ppremetta hekk:

> "L-attur jitlob lil dana t-tribunal sabiex jikkundanna lill-intimat jhallas l-ammont ta' €773.56c rappreżentanti il-prezz ta' 166 kaxxa li l-intimat ma rritornax lill-attur wara li l-intimat xtara prodotti agrikoli minghand l-istess attur.
>
> Bl-imghax minn meta l-ammont gie effettivament dovut u l-ispejjez inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 3840/11 hawn annessa".

Ra **r-risposta ta’ l-intimat** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

“Il-konvenut qieghed jikkontesta t-talba attriċi u konsegwentement qieghed jirrespingi l-pretensjoni attriċi u dana stante li tali talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress li l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-attur u wisq anqas huwa debitur tal-attur tas-somma indikata fl-avviz promotur.

Fi kwalunkwe kaz u minghajr preġudizzju ghas-suespost it-talbiet attriċi huma preskritti ai termini ta’ l-artikoli 2148(b) u 2148 (f) u skond digriet datat 4 ta’ Dicembru, 2012 gew miżjuda l-kliem Kodici Civili;

Salv u b’riserva ta’ kull eċċezzjoni ulterjuri permessa mill-ligi”;

Ra l-verbal datat 15 ta’ Lulju, 2013 fejn Dr. Adrian Camilleri ghar-rikorrenti ppreżenta *“... żewġ dokumenti li qed jiġu mmarkati bhala RS 1 u dok RS 2. Dok. RS 1 huwa l-ammont ta’ kannestri li ittiehdu mil-intimat minghand ir-rikorrenti u dok. RS 2 huwa ir-ricevuta tar-ritorn ta’ dawn l-istess kaxxi. Dan in sostenn tat-tezi tieghu li kull meta jiġu rritornati l-kaxxi kien jaghti riċevuta ta’ dawn il-kaxxi*”.

Ra l-verbal tat-22 ta’ Ottubru, 2013 fejn id-difensuri tal-partijiet kienu qablu li l-pagament tal-patata lil intimat mir-rikorrenti li ntbaghtet barra minn Malta u li ssemmiet mill-intimat fid-deposizzju tieghu sar lejn l-ahhar ta’ Awwissu, 2011.

Ra l-verbal tat-8 ta’ Jannar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, rikorrenti qieghed jitlob lill-intimat jhallsu s-somma ta’ €773.56c rappreżentanti l-prezz ta’ mija sitta u sittin (166) kaxxa li l-intimat baqa qatt ma rritorna wara li l-istess intimat kien xtara minghand ir-rikorrenti prodotti agrikoli. L-intimat da parti tieghu qal li huwa ma ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti u ma kienx debitur tieghu. F’kull kaz huwa qal li l-azzjoni intentata mir-rikorrenti fil-konfront tieghu hija perenta a tenur ta’ l-artikoli 2148(b) u 2148(f) tal-Kodici Civili.

Ikkunsidra;

2. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-intimat kien jixtri z-zerriegha tal-patata minghand l-intimat u meta jasal l-istagun tal-hsad, huwa kien jitlob il-kaxxi lill-istess rikorrenti. Fil-kas odjern, huwa kien tah 490 kannestru. Minn dawn il-kannestri, r-rikorrenti jghid li fadallu jiġbor 166 kannestru minghand l-intimat. Ir-rikorrenti qal ukoll li meta huwa jaghti l-kannestri lil xi individwu, dan jiffirma ghalihom. Meta imbaghad jirritornaw dawn il-kannestri huwa jaghtihom riċevuta taghhom sabiex b’hekk ikun jista jaqbel. F’dan il-kaz ma kienx hemm riċevuta ta’ dawn il-166 kannestru u ghalhekk dawn ghadhom ghand l-intimat jghid l-istess rikorrenti. L-istess rikorrenti fil-fatt ghadda biex esebixxa dokumentazzjoni f’dan ir-rigward. Huwa qal li kull kannestru jiswa Lm2 pari ghal €4.66c. L-ammont mitlub minnu f’dawn il-proceduri jirrifletti dan il-fatt[1]. Ir-rikorrenti esebixxa ittra uffiċjali datata 19 ta’ Ottubru, 2011 spedita kontra l-intimat maghmul a tenur ta’ l-artikolu 166A tal-Kap. 12 (fol. 40). Ghal din l-ittra uffiċjali l-intimat wieġeb permezz ta’ nota fis-7 ta’ Novembru, 2011. Skond id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti:

[1] 166 kannestru x €4.66 = €773.56c

| Ammont ta' Kannestri **mislufa** | Data tas-self | Fol. |
|---|---|---|
| | | |
| 120 | 7 ta' Mejju, 2011 | 30 |
| 70 | 8 ta' Mejju, 2011 | 31 |
| 100 | 25 ta' Mejju, 2011 | 32 |
| 200 | 24 ta' April, 2011 | 33 |
| | | |
| **Total: 490** | | |

| Ammont ta' Kannestri **ritornati** | Data tar-ritorn | Fol. |
|---|---|---|
| | | |
| 20 | 9 ta' Mejju, 2011 | 34 |
| 44 | 26 ta' Mejju, 2011 | 35 |
| 210 | 27 ta' Mejju, 2011 | 36 |
| 24 | 20 ta' Settembru, 2011 | 37 |
| 26 | 25 ta' Settembru, 2011 | 38 |
| | | |
| **Total: 324** | | |

3. Ir-rikorrenti qal li l-intimat *"... huwa persuna li jdum hafna żmien ma jgibli l-kannestri"* (fol. 24). Qal li ġieli kien ikun hemm xi klijenti minn tieghu li kienu jhallu l-kannestri warajhom minghajr ma jkun taghhom r-ricevuta iżda huwa kien iċċemplilhom biex jighdilhom b'dan il-fatt. Dwar l-intimat, huwa qal li *"l-intimat qatt ma halla l-kaxxi warajh u mbaghad incempillu jiena biex nghidlu li hallihom warajh"* (fol. 24). Fuq l-ircevuti, jkompli jghid ir-rikorrenti hemm il-firem ta' hu l-intimat u cioe Leonard Debono. Dan peress li Leonard Debono u l-intimat jahdmu flimkien.

4. Alex Sacco, li jiġi miżżewweġ ghand l-intimat qal li huwa jghin lill-istess intimat fil-qlugh tal-patata u f'dak kollu li hemm bżonn ghalkemm ma jahdimx mieghu. Huwa spjega x'jigri meta jimlew il-kannestri bil-patata u jehduha ghand ir-rikorrenti. Qal li *"... wara li nkunu mlejna l-kaxxi bil-patata ahna mbaghad nohduhom ghand ir-rikorrent sabiex inbatluhom fuq il-conveyor belt halli tkun tista tintghazel din il-patata"* (fol. 25). Qal li dak-in-nhar hekk gara u imbaghad ibnu ta' disa' snin jiehu l-kannestru u jpoggieh fil-genb. Dak-in-nhar kien hemm maghhom ukoll Joe Sacco u Reuben Debono. Dan ta' l-ahhar sfortunatament ghadda ghal hajja ahjar f'incident tragiku li affettwa mhux ftit u bir-ragun lill-intimat. Kompla jghid li x'hin lestew, ma kellhomx kannestri vojta però kien ghad fadalhom madwar 25 kaxxa bil-patata kbira u skart cioe dik il-patata li ma tintghazilx. Dawn jittiehdu mill-intimat biex jużahom huwa. B'referenza ghal 166 kannestru, huwa qal li dawn *"... hallejniehom fi hwejjeg ir-rikorrenti u cioe fejn il-conveyor belt"* (fol. 25). Qal li kien preżenti meta r-rikorrenti kien mar jghodd dawn il-kannestri, liema kannestri huma jaghmluhom ghoxrin ghoxrin. Zied ighid li sakemm huma lehqu ghabbew il-patata l-kbira u l-iskart fit-truck, *"... l-kunjatu kien lahaq mar fejn ir-rikorrenti sabiex jirranġa l-karti"* (fol. 25). In kontro-ezami, u meta gie mistoqsi jekk il-kannestri inghatawx lir-rikorrenti fuq medda ta' żmien jew f'gurnata wahda, huwa qal li *"... x-xoghol inghata lilu f'gurnata wahda"* (fol. 25). Qal ukoll li t-truck tal-intimat jiflah 220 kannestru u li meta huma jpoġġu l-patata fuq il-*conveyor belt* biex tkun tista tintghazel, il-kannestri l-vojta ma jkollhomx bzonnhom aktar u jhalluhom ghand ir-rikorrenti.

5. Joe Sacco, qal li huwa kien ra lir-rikorrenti jghodd il-kannestri l-vojta li kien hemm u wara li ghaddhom huwa dahal lura fl-ufficju tieghu. Qal li ma jafx x'gara ġewwa l-ufficju iżda kien ra lill-intimat diehel wara r-rikorrenti. In kontro-ezami huwa qal li xogholu huwa ta' xufier u ma jirċievi l-ebda kumpens minghand l-intimat talli jghinu jġorr. Zied ighid li huwa kien jipparkja t-truck tieghu gol-proprjeta ta' l-intimat u dan ta' l-ahhar ma kienx izzommlu flus. Mistoqsi jekk jafx li kull meta jittiehed jew jiġi ritornat kannestru ghand ir-rikorrenti ikun mehtieg li ssir firma, huwa qal li ma jafx l-ghaliex xogholu kien ta' xufier.

6. L-intimat qal li xogholu huwa ta' bidwi part-time u li huwa kien ilu 7 snin jiehu l-kannestri minghand ir-rikorrenti. Qal li meta jkollu bżonn il-kannestri huwa kien imur ghand ir-rikorrenti ġewwa l-Qrendi u jiehu kemm ikollu bżonn imbaghad jimlihom bil-patata. Qal li "*f'dawn is-seba' snin jiena dejjem iffirmajtlu karti biex nghidlu biex inkun ċert illi nghataw lura dawn il-kaxxi*" (fol. 28). Dak-in-nhar li kien hadlu l-patata "*... huwa kien ghamilli karta tal-polza bil-patata li kont hallejtlu però karta bil-kannestri li hallejtlu ma kienx ghamilli dawn bil-kannestri vojta*" (fol. 28). Qal ukoll li kull meta halla l-kannestri ghand ir-rikorrenti dan dejjem kien imlielu l-karta biex jghidlu li kien halliehomlu. Il-kannestri li r-rikorrenti qal li ma kienux gew moghtija lura lilu "*... ntghaddu dakinhar li tani l-karta ta' l-uzin*" (fol. 28). In kontro-ezami, l-intimat qal li dak-in-nhar huwa kien ha madwar mitejn kannestru vojt. Hattew 166 kannestru u l-kumplament tal-kannestri baqghu fit-truck l-ghaliex fihom kien hemm il-patata l-kbira u l-iskart. Zied ighid li huwa sar jaf bil-problema tal-kannestri f' Awwissu, 2011. Meta kien wasal iz-zmien biex ihallsu f'Awwissu, 2011, l-intimat qal li r-rikorrenti kien infurmah li huwa kellhu hamsa u ghoxrin kannestru tieghu li ma ġewx ritornati u huwa kien qabel ma dan l-ammont. Ma qabilx mal-fatt li huwa kellhu jaghti lir-rikorrenti 166 kannestru. Minkejja li r-rikorrenti kien qal lill-intimat li huwa kellhu jaghtih 166 kannestru, dan xorta wahda hallsu tal-patata. Meta r-rikorrenti talbu l-karta ta' dawn il-kannestri huwa qallu li ma kienx hemm karti ghax ma kien tah l-ebda karta ta' dawn il-kannestri.

Meta reggha xehed fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2013, l-intimat qal li huwa kien mar il-garaxx tar-rikorrenti u huwa kien ghabba 200 kannestru. Wara huwa melgha l-istess kannestri bil-patata u niżel bihom fejn jaghzlu l-patata. Dak-in-nhar halla 34 kaxxa fit-truck u tellghahom mieghu. B'hekk huwa qal li kien halla warajh 166 kannestru. L-intimat kien thallas tal-patata li kien hemm fil-166 kannestru thallas taghhom wara hames xhur li kien ha dan il-prodott ghand ir-rikorrenti. Qal li "*kieku jiena kelli intih tal-kaxxi kien inaqqashomli minn dak l-ammont tal-flus li kien tani kif diġà ghidt*" (fol. 55). F'dawn il-hames xhur li dam biex ihallsu tal-patata, r-rikorrenti qatt ma kien ilmenta mieghu dwar dawn il-166 kannestru. Qal però li qabel ma hallsu tal-patata, r-rikorrenti kien infurmah li kien hemm xi kannestri li kien ghadu ma taghhomlux. L-intimat qal li "*jiena mal-ewwel chadt li kelli xi kannestri fil-pussess tieghi*" (fol. 56). Zied ighid li dak-in-nhar li kien ha l-patata ghand ir-rikorrenti, huwa kien baghtal il-kannestri u kien poggiehom ghoxrin ghoxrin fil-mahzen tar-rikorrenti. Qal li "*... dak-in-nhar li konna nizzilna l-patata r-rikorrenti kien gie u kien ghodd il-kannestri. Wara li ghoddhom huwa dahal il-gewwa u jiena dhalt warajh, tani l-karta li fuqha kien hemm indikat il-piz tal-patata li hallejt ghandu u tal-vojt jiena la tlabtielu u anqas tawhieli, tajhieli. Dan qed nghid ghal irċevuta biex jiġi ndikat kemm hallejtlu kaxxi*" (fol. 56).

Zied ighid li "*ma niftakarx li f'okkazzjonijiet preċedenti kien tani xi karta ghal dan*" (fol. 56). Mistoqsi dwar id-dokumenti li gew esebiti fil-process a fol. 35 sa 37 l-intimat qal li huwa kien qieghed jaghraf il-firma tieghu fuq dawn id-dokumenti u żied ighid li "*... ma nafx jekk dawn id-dokumenti jindikawx ta' meta hadthom jiena minghand ir-rikorrenti jew inkella ta' meta nkun irritornajthomlu lura*" (fol. 57). Mistoqsi dwar l-34 kannestru li huwa kien ha mieghu bil-patata l-kbira u l-iskart, l-intimat qal li "*... anke dawn jiena kont tajthom lir-rikorrenti*" (fol. 57).

7. Raymond Cortis qal li huwa l-*general manager* tas-socjeta Pitkali Crates Limited. Qal li llum il-gurnata l-prezz ta' kaxxa wahda huwa ta' €4.93c

(Vat eskluż) però qabel ma kien żdied il-prezz taghhom, dawn kienu jiswew €4.66 (vat eskluż) kull kaxxa.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. L-intimat fl-eccezzjonijiet tieghu qal li huwa ma ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti u li ma kienx debitur tieghu. Oltre dan, huwa qal li l-azzjoni tar-rikorrenti kienet perenta a tenur ta' l-artikoli 2148(b) u 2148(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Dawn l-artikoli tal-ligi jipprovdu hekk:

**2148.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:

(*b*) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;

(*f*) l-azzjonijiet ta' kull persuna, għall-kera ta' ħwejjeġ mobbli.

10. Il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili ma huwiex applikabbli ghal kaz odjern. Hawnhekk ma ghadniex bejgh ta' oġġetti jew hwejjeg ohra mibjugha bl-imnut. Ir-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas ta' 166 kannestru li l-intimat ma irritornalux. Ma hawnx kwistjoni ta' bejgh.

11. Lanqas ma japplika l-paragrafu (f) ta' l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili l-ghaliex il-kannestri kienu, anke skond ma jirrizulta mid-dokumentazzjoni

esebita, jiġu mislufa u mhux mikrija. F'kull kaz ma rrizultax li r-rikorrenti kien jirċievi xi hlasijiet minghand l-intimat ghas-self ta' dawn il-kannestri.

12. Finalment jinghad, u dan biss ghal grazzja ta' l-argument li tali artikolu huwa applikabbli, li l-perjodu preskrittiv imsemmi f'dan l-artikolu tal-ligi huwa ta' tmintax (18)-il xahar. Il-kannestri in kwistjoni kienu gew mislufa fuq perjodu ta' żmien u cioe l-24 ta' April, 2011 sal-25 ta' Mejju, 2011. Fid-19 ta' Ottubru, 2011 ir-rikorrenti kien intavola ittra uffiċjali kontra l-intimat (fol. 40) ghal liema ittra, l-istess intimat kien wieġeb ghaliha fis-7 ta' Novembru, 2011 (fol. 42). It-talba odjerna ġiet intavolata fl-1 ta' Novembru, 2012. Ghal dawn ir-ragunijiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qeghda tiġi michuda.

13. Ghar-rigward ta' l-eccezzjoni l-ohra ta' l-intimat li huwa ma ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti u li ma huwiex debitur tieghu, t-Tribunal jirrileva li mid-dokumenti esebiti, u mit-tabella hawn fuq riportat, verament jirrizulta li hemm 166 kannestru li huma *unaccounted for*. L-intimat jghid li huwa kien halla dawn il-166 kannestru ghand ir-rikorrenti xi gimgha qabel jew gimgha wara l-festa ta' San Pawl ta' Hal-Safi filwaqt li r-rikorrenti da parti tieghu jghid li huwa qatt ma rċieva dawn il-kannestri u li kieku l-intimat kien taghhomlu, huwa kien jaghtih riċevuta kif dejjem jaghmel. In sostenn ta' dan, l-istess rikorrenti esebixxa dokumentazzjoni f'dan ir-rigward. It-Tribunal, mehud kollox in konsiderazzjoni, inkluż ix-xhieda prodotta, jiddikjara li x-xhieda tar-rikorrenti ghandha aktar mis-sewwa milli dik moghtijamill-intimat. Ibda biex jirrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrenti dejjem kien jaghti riċevuta ghall-kannestri li huwa jkun irċieva lura minghand l-individwu, ikun min ikun. Din is-sistema, l-istess rikorrenti jispjega li jaghmilha sabiex ikollu "*... tracebility tal-kannestri u dan peress li l-kannestru jiswa l-flus u jekk nitilfu nitlef il-flus*" (fol. 23). L-intimat da parti tieghu jghid li "*meta jiena niehu l-kaxxi minghand ir-rikorrenti biex imbaghad timtela bil-patata huwa itini karta ta' kemm il-kannestru nkun hadt. Meta mbaghad nirritorna l-kannestri li jkunu vojta huwa ma kienx tani karta kif diġà ghidt. Ma niftakarx li f'okkazzjonijiet preċedenti kien tani xi karta ghal dan*" (fol. 56). Diga rajna li hemm diversi dokumentili juru li l-intimat kien irritorna lura l-kannestri lir-rikorrenti. It-Tribunal isibha diffiċli kif l-intimat jaf li qieghed jissellef il-

kannestri minghand ir-rikorrenti biex ipoġġi l-prodott fihom, jaf li hu jew huh kienu jiffirmaw il-karti ghall-istess kannestri mislufin lilu u imbaghad ma jitlobx li jkollu xi riċevuta li juri li huwa kien irritorna lura dawn l-istess kannestri ghand ir-rikorrenti. Id-dokumenti li hemm esebiti a fol. 35 sa 37 tal-process juru l-firma tal-intimat meta huwa rritorna parti mill-kannestri li kien issellef oriġinarjament minghand ir-rikorrenti. L-istess haġa juru d-dokumenti li hemm esebiti a fol. 45 u 46 tal-process. Fil-fehma tat-Tribunal, l-intimat ma rnexxielux jilhaq il-grad tal-prova biex jikkonvinċi lit-Tribunal li huwa kien verament ghadda dawn il-166 kannestru lir-rikorrenti. Ghalhekk, t-Tribunal qieghed jichad din l-eccezzjoni ukoll.

14. Ghar-rigward ta' l-ammont reklamat mir-rikorrenti, l-istess rikorrenti ressaq lir-rapprezentant tal-Pitkali Crates Limited u cioe lil Raymond Cortis li qal li *"... xi snin ilu, qabel ma' ghollew bi ftit ċenteżmi, l-kaxxi kienu jiswew €4.66 (vat eskluż) kull kaxxa indipendentement mid-daqs*" (fol. 52). Ir-rikorrenti qieghed jitlob f'dawn il-proceduri l-ammont ta' €773.56c. Mija sitta u sittin (166) kannestru bl-€4.66 kull kannestru jiġi l-ammont ta' €773.56 li huwa l-ammont reklamat. Ghalhekk, in vista ta' dak li inghad hawn fuq, l-ammont reklamat huwa ġustifikat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

i. jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna a tenur ta' l-artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16;

ii. jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna a tenur ta' l-artikolu 2148 (f) tal-Kap. 16

iii. Jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat inkwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż.

iv. Konsegwentement qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' seba' mija tlieta u sebghin euro u sitta u hamsin ċenteżmi ta' euro [€773.56] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata kontra l-istess intimat mir-rikorrenti fid-19 ta' Ottubru, 2011.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------